PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9684 — Parks Bottom/Omers/Accor/Fairmont Hotels)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 58/06)

1. Fl-14 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Parks Bottom Co. Real Estate Holdings Inc. ("Parks Bottom", il-Kanada), li hija proprjetà kollha kemm hi ta' GIC (Realty) Private Limited ("GIC Realty", Singapore);

— OMERS Administration Corporation ("OMERS", il-Kanada);

— Accor Management Canada Inc. ("Accor", il-Kanada);

— Fairmont Banff Springs, Fairmont Chateau Lake Louise, Fairmont Jasper Park Lodge u Fairmont Chateau Whistler ("Fairmont Hotels", il-Kanada).

Parks Bottom, OMERS u Accor jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll be sħab ta' Fairmont Hotels.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma, permezz ta' kuntratt u ftehim diġà eżistenti dwar il-ġestjoni tal-lukandi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Parks Bottom: sussidjarja indiretta ta' GIC Realty li kienet stabbilita bil-għan tal-akkwist u s-sjieda ta' Fairmont Hotels, u li hija attiva fil-Kanada. GIC Realty tiffoka fuq is-sjieda ta' assi ta' proprjetà immobbli f'isem il-Gvern ta' Singapore;

— OMERS: sid dinji ta' proprjetà immobbli, investitur, żviluppatur u jiġġestixxi l-proprjetà;

— Accor: tħaddem lukandi mal-Kanada kollha;

— Fairmont Hotels: erba' lukandi lussużi Kanadiżi, Fairmont Banff Springs, Fairmont Chateau Lake Louise, Fairmont Jasper Park Lodge u Fairmont Chateau Whistler.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9684 — Parks Bottom/Omers/Accor/Fairmont Hotels

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Fax +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË